MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-2 ta' Frar, 2011

Numru. 1459/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Raymond Aquilina]**

**vs**

**Jason Scicluna**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jason Scicluna detentur tal-karta tal-identita` numru 583178(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fi Frar 2008 jew fix-xhur ta' qabel:

1. Irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali;

2. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi haddiehor;

3. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti imsemmija fl-Artikolu 185 tal-Kodici Kriminali a tenur tal-Artikolu 186 tal-Kodici Kriminali.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17(h), 42(d) 185(2) u 186 u 121A(1) li hu assorbit fl-Artikolu 185(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni mill-imputat fi stadju bikri tal-proceduri ghall-akkuzi kif dedotti kontrih, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u stante li l-istess imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni u stante li l-fedina penali tal-imputat hija netta, u wara li l-Qorti hi sodisfatta illi l-imputat ma kellux rwol dirett mal-otteniment ta' tali licenzja tant li kien diga` precedentement applika sabiex jitla' b'mod validu ghat-test, qed issib lill-imptuat Jason Scicluna hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor bi zmien tlett snin mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din il-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------